# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2002

**Numru 3**

**Avviz. Numru 980/01mm**

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Simon Mifsud u l-istess Simon Mifsud**

**vs**

**Carmelo Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fit-3 ta' Dicembru, 2001, fejn talbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-Untours Insurance Agents Limited nomine s-somma ta' Lm1597.09 u lil Simon Mifsud Lm25.00 u dana bhala danni in segwitu ghal incident stradali li sehh fit-23 ta' Mejju, 2001, fl-Imgarr bejn vettura numru HAT 518 misjuqa minn Simon Mifsud u vettura numru IAJ 841 misjuqa mill-konvenut. Prevja

dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident minhabba mperizja, negligenza, mprudenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2001, u dawk tal-prezentata ta' l-Avviz ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-incident meritu tal-kawza gara minghajr it-tort u n-negligenza tal-eccipjent;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni huwa eccepit ulterjorment illi d-danni pretizi mill-attur huma ezagerati.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fl-Imgarr, limiti taz-Zebbiegh bejn il-karrozza bin-numru tar-registrazzjoni HAT 518 misjuqa minn Simon Mifsud u il-karrozza bin-numru tar-registrazzjoni IAJ 841 misjuqa mill-konvenut.

L-attur Simon Mifsud jghid illi huwa kien qed isuq il-karrozza tieghu mid-direzzjoni tal-Mosta lejn l-Imgarr u meta gie fil-liwja qabel iz-Zebbiegh, ra l-karrozza l-ohra misjuqa mill-konvenut parti minnha fuq in-naha hazina tat-triq.  Huwa ghafas il-*break* u gibed lejn ix-xellug biex jipprova jevita l-incident, izda ma nrennielux u baqa' diehel fuq il-genb lemini tal-karrozza misjuqa mill-konvenut.

Min-naha l-ohra l-konvenut jghid illi huwa kien qieghed isuq fid-direzzjoni opposta fuq in-naha ta' barra tat-triq vicin il-linja medjana.  Meta gie fil-liwja, ra l-karrozza misjuqa mis-Sur Mifsud gejja mid-direzzjoni opposta bi *speed* qawwi.  Dana ma setax jevitah u baqa' diehel fuq il-genb lemini tieghu.  Il-hsarat fuq il-karrozza tal-konvenut kienu mill-bieba tax-xufier lura. Mentri l-hsarat fil-karrozza misjuqa mis-Sur Mifsud kienu fil-ponta ta' quddiem tax-xellug.

Is-Sur Mifsud dejjem insista illi huwa dejjem baqa' fuq in-naha tieghu tat-triq u kienet il-karrozza misjuqa mill-konvenut illi nvadiet il-parti karreggjabbli tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, wara li l-Qorti ezaminat ix-xhieda tal-partijiet abbinata ma' l-iskecc a Fol 18 tal-process, jidhrilha illi s-Sur Mifsud ghandu x'jilmenta mis-sewqan tal-konvenut.  Dan l-iskecc a Fol 18 jindika l-karrozza tas-Sur Mifsud fuq in-naha korretta tat-triq, bi *break marks u*

*tyre marks* illi jibqghu dejjem l-istess fil-parti korretta tat-triq. L-i*spot of impact* huwa ndikat ukoll fuq dan l-iskecc u li qieghed ezatt fin-nofs tal-linja medjana tat-triq, bil-maggjor parti tat-trab indikat fuq in-naha tat-triq fejn kien is-Sur Mifsud.

Dana jindika quindi, illi l-kollizjoni grat fuq il-linja medjana forsi daqsxejn aktar lejn in-naha illi kien qed isuq is-Sur Mifsud. Dana jpoggi l-karrozza tas-Sur Vassallo fuq il-parti hazina tat-triq, fejn allura huwa korroborat il-verzjoni moghtija mis-Sur Mifsud.

Il-konvenut ghamel *emphasis* fuq id-*dotted marks* illi hemm wara l-karrozza tas-Sur Mifsud, peress illi dawna ma jkomplux bl-istess intensita bhall-*break marks*.

Is-Surgent Mark Anthony Camilleri, li nvestiga l-kaz, xhed illi huwa ra dawn it-*tyre marks* u il-*break marks* u li kienu kontinwi, marka ssegwi lill-ohra. U dawn id-*dotted marks* saru hekk il-ghaliex ma kienux daqshekk skuri bhal *break marks*, pero' zgur illi kienu kontinwi.

Fuq l-iskorta ta' din ix-xhieda, ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-vettura misjuqa mis-Sur Mifsud qatt ma telqet il-parti korretta tat-triq. Minkejja illi gie allegat li s-sewqan tieghu kien wiehed eccessiv, il-Qorti ma jidhirlix illi dana kien il-kawza prossima ta' dan l-incident. Veru illi fejn gara l-incident hija triq miftuha fil-kampanja fejn allura l-massimu permessibbli huwa ta' tmenin (80) kilometru fis-siegha.

Il-hsarat subiti fil-vetturi ma jirriflettux dan it-tip ta' sewqan, u ghalhekk il-Qorti ma ssib xejn illi jipprova sewqan eccessiv da parti tas-Sur Mifsud.  Bhalma gia inghad pero', kien x'kien dan is-sewqan zgur illi ma kienx kawza ta' dan l-incident.  Izda kien propju l-imprudenza tal-konvenut illi forsi resaq wisq lejn il-lemin, qabez il-linja medjana minghajr ma nduna stante illi kien fuq kurva u b'hekk invada l-karreggjata tas-Sur Mifsud u sar l-incident.

Ghal dawk illi huma l-provi tad-danni l-kumpanija assikuratrici esebiet il-kontijiet kollha relattivi biex tiggustifika t-talba taghha.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u esklussivament l-konvenut fejn minhabba mprudenza u minhabba nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku nvada l-karreggjata fejn kien hemm is-Sur Mifsud u kkawza dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident illi gara fit-23 ta' Mejju, 2001, fl-Imgarr bejn il-vettura numru HAT 518 misjuqa minn Simon Mifsud u il-vettura numru IAJ 841 misjuqa mill-konvenut u dana minhabba negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u disa' centezmi (Lm1622.09), kwantu

ghal elf, hames mija u sebgha u disghin lira Maltin u disgha centezmi (Lm1597.09) dovuti lill-kumpanija assikuratrici Untours Insurance Agents Limited u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) dovuti lill-attur Simon Mifsud u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dawn l-ammonti hekk likwidati.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur